



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-UNJONI
EWROPEA GĦALL-AFFARIJET BARRANIN U
L-POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 16.4.2012
JOIN(2012) 9 final

2012/0092 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-
Bjelorussja**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006, kif emendat, jipprevedi l-iffriżar tal-assi tal-President Lukashenko u ta' ċerti uffiċjali tal-Bjelorussja, kif ukoll ta' persuni responsabbli għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, u ta' persuni u entitajiet li jibbenefikaw minn jew li jappoġġaw lir-reġim ta' Lukashenko, inkluż b'mod partikolari l-persuni u l-entitajiet li jipprovdu appoġġ finanzjarju jew materjali lir-reġim.
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/ ... /PESK ta' ... April 2012, il-Kunsill iddeċieda li għandha tingħata deroga mill-iffriżar tal-assi, sabiex tiżgura li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu jistgħu jsiru disponibbli għall-finijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi jew postijiet konsulari jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali.
- (3) Din il-miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex tidħol fis-seħħ, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.
- (4) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea jipproponu li jiġi emendat kif xieraq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006.

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/.../PEŠK ta' ... April 2012 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PEŠK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja¹,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006² jipprevedi l-iffriżar tal-assi tal-President Lukashenko u ta' ċerti uffiċjali tal-Bjelorussja, kif ukoll ta' persuni responsabbli għall-vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem jew ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, u ta' persuni u entitajiet li jibbenefikaw minn jew li jappoġġjaw lir-reġim ta' Lukashenko.
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni 2012/.../PEŠK, il-Kunsill iddeċieda li għandha tingħata deroga mill-iffriżar tal-assi, sabiex tiżgura li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu jistgħu jsiru disponibbli għall-finijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi jew postijiet konsulari jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali.
- (3) Din il-miżura taq' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex tidħol fis-seħħ, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.
- (4) Ir-Regolment (KE) Nru 765/2006 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

¹ ĠU L ..., ...4.2012, p.

² ĠU L 134, 20.5. 2006, p. 1

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolament (KE) Nru 765/2006, jżied l-Artikolu 4b li ġej:

“Artikolu 4b

B’deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif indikat fuq is-siti elettroniċi elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw, skont dawk il-kundizzjonijiet li jikkunsidraw xierqa, ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, wara li jkun ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għall-finijiet uffiċjali ta’ missjonijiet diplomatiċi jew postijiet konsulari jew ta’ organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f’konformità mal-liġi internazzjonali.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel,

*Għall-Kunsill
Il-President*